Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/46*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 46 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 06 ta' Marzu, 2012 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-44 u 6-45

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 6-44

**Paragrafu 6:- Offerta għal Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal -** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li aktar tard għandu jiġi l-kuntrattur Road Constructions Co Ltd biex tiġi diskussa miegħu din l-offerta.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 11/2012 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 10 ta' Marzu 2012. L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Lokalitajiet li għandhom l-elezzjoni għandu jinżamm magħluq.

4.02 Is-Sur Joe Attard ta' Green mt nforma lill-Kunsill li l-kumpanija tiegħu tista' ġġedded il-ftehim li għandha mal-Kunsill dwar il-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li s-Sur Attard kien talab li ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2012. Għal din il-laqgħa kien preżenti l-Viċi Sindku wkoll (peress li s-Sindku kien imsiefer). Matul din il-laqgħa s-Sur Attard qal li Green mt qed taqbel li ġġedded il-ftehim bl-istess kundizzjonijiet. Il-ftehim ser ikun jagħlaq fl-aħħar tas-sena 2012. Il-Viċi Sindku informa lis-Sur Attard li l-Kunsill huwa interessat li jibda jiġbor il-ħġieġ ukoll. Is-Sur Attard qal li f'Malta se jibdew proġett pilota fejn jinġabar il-ħġieġ u qal li tkun proposta tajba li din tibda f'Għawdex ukoll. Huwa għandu jibgħat aktar informazzjoni lill-Kunsill

dwar kif se tkun qed taħdem din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nġeddu l-ftehim ma' Green mt. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis l-1 ta' Marzu kien mistieden jattendi għal ċerimonja organizzata minn Green mt fejn il-Kunsilli Lokali l-aktar li ġabru skart riċiklabbli ġew mogħtija premju. Il-Kunsill tagħna kiseb it-tieni post fil-ġbir tal-borża l-griża (nhar ta' Tlieta). Is-Sindku qal fl-istess serata huwa kellu l-opportunita li jitkellem ma' Joe Attard li minn naħa tiegħu spjegalu kif ser tkun qed taħdem l-iskema tal-ġbir ta' ħġieġ. Din se tibda minn April li ġej u l-ġbir ser isir kull nhar ta' Ħamis. Green mt se jiprovdu l-kontenituri li jitqassmu mill-Kunsill lir-residenti kollha li jkunu interessati li jipparteċipaw f'din l-iskema. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi biex ninfurmaw lir-residenti b'din l-iskema u b'hekk tkun ta' suċċess. Ir-residenti se jiġu infurmati wkoll li minn April, kull nhar ta' Ħamis mhux ser isir ġbir tal-iskart domestiku.

4.03 L-Inġinier Renzo Curmi kiteb lir-Reġjun Għawdex dwar il-Joint Committee tal-Street Lighting u speċifikament dwar l-offerta għall-manutenzjoni ta' lampi tat-toroq. Dan is-suġġett qed jiġi diskuss mir-Reġjun Għawdex.

4.04 Ir-Reġjun Għawdex informa lill-Kunsill li l-pubblikazzjoni dwar il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tiegħu tista' tinxtara għall-prezz ta' €10 kull ktieb meta jinxtraw tal-anqas 10. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru ktieb wieħed.

4.05 Joseph Masini ta' JP2 Foundation informa lill-Kunsill dwar attivita li tista' ssir fir-raħal ta' L-Għasri fl-okkażjoni ta' JP2 Memorial Festival 2012. L-ispejjeż involuti biex tittella' din l-attivita se tkun ta' madwar €150. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din l-attivita.

4.06 Martin Else ta' Maltanow talab il-permess tal-Kunsill biex fil-pjazza jitpoġġa stand għall-gazzetti. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni dwar din il-proposta.

4.07 L-Avukat Simone Grech f'isem Terezina u Rikarda Zammit infurmat lill-Kunsill dwar problema tal-ilma tax-xita fi Triq Għammar. Anness mal-ittra kien hemm ukoll rapport mill-Perit Edward Scerri. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra u qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel spezzjoni flimkien mal-Perit Scerri u b'hekk jiġi deċiż x'jista' jsir biex tissolva din il-problema.

**5. Offerta – Resurfacing ta' parti minn Triq il-Fanal**

F'dan il-ħin Victor Hili li qed jidher f'isem il-kumpanija Road Constructions Co Ltd. daħal fil-kamra tal-laqgħat. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-offerta għal xogħol ta' asfaltar f'parti minn Triq il-Fanal. Il-kuntrattur Victor Hili qal li l-prezzijiet li tefa' fl-offerta jirriflettu ż-żjieda li kien hemm f'dawn l-aħħar snin fil-prezzijiet speċjalment dak taż-żejt. Huwa qal li diffiċċli ħafna li jraħħas ir-rati. Ġie propost li biex il-Kunsill ikollu aktar informazzjoni u stima aktar reali, għandna mmorru fuq il-post flimkien mal-Perit tal-Kunsill u jiġi deċiż liema xogħol għandu jsir u kemm ser isir (kwantita). Per eżempju kemm ser isir ħxuna ta' tqaxxir tat-triq u kemm se tkun il-ħxuna tat-tarmak li jingħata. Dawn l-affarijiet jistgħu ivarjaw ir-rati tal-offerta u b'hekk il-Kunsill ikun jaf kemm se jiġi jiswa dan il-proġett. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isir appuntament biex il-Perit tal-Kunsill flimkien mal-kuntrattur u membri tal-Kunsill imorru fuq il-post. Wara li jkollu din l-istima l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi dwar din l-offerta.

## 6. Riveżjoni tal-Budget 2012

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali li saret reviżjoni tal-allokazzjoni finanzjarja 2012. Fil-fatt l-allokazzjoni issa se tkun ta' €159,880 u mhux €160,687 kif kien avżat aktar kmieni. Is-Segretarju Eżekuttiv pprepara il-budget tal-Kunsill rivedut biex jirrifletti dan it-tibdil. Dan id-dokument tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill, ġie diskuss u approvat unanimament.

## 7. Kwotazzjoni għal xiri ta' Cold Asphalt

Fil-kaxxa tal-offerti intefgħu żewġ kwotazzjonijiet li huma ta' Road Constructions Co. Ltd. (€49.00) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€63.00). Il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ta' Road Constructions Co. Ltd. għanda tiġi aċċettata għar-raġuni li hija l-aktar vantaġġjuża.

## 8. Materja oħra

8.01 Il-Kunsill qabel li għandu jibda jsir il-patching tat-toroq bil-cold asphalt. Il-Kunsill qabel ukoll li għalissa għandhom isiru biss il-ħofor il-kbar peress li f'ħafna mit-toroq għad hemm it-tnixxija tal-ilma u għalhekk qabel jinxef, l-asfalt ma jżommx. Meta t-temp ikun jippermetti jsir il-patching kollu li jkun hemm bżonn.

8.02 Paul Tabone ta' Triq il-Knisja talab li r-rampa li għandu għal-għalqa tiegħu tingħata ftit żrar. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.03 Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lil HSBC biex it-tabelli ta' Merħba li għandna fi Triq L-Għasri u Triq Ta' Għammar issirilhom il-manutenzjoni meħtieġa.

8.04 Stella Spiteri ta' Triq il-Fanal ilmentat li t-triq niżlet quddiem il-post tagħha, u għalhekk il-karozza mhux tkun tista' iddaħħalha jew toħroġha mill-garaxx peress li tħokk mal-art u tagħmel il-ħsara. Hi talbet li jsir ftit konkos u b'hekk tissolva din il-problema. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.05 Il-Kunsill qabel li gandott li hemm fi Triq Wied L-Għasri għandu jinfetaħ u b'hekk jilqa' l-ilma tax-xita u ssir anqas ħsara lill-istess triq. Dan il-gandott ilu hemm iżda matul iż-żminijiet kien intradam u b'hekk it-triq kienet qed tispiċċa b'ħafna ilma bil-konsegwenza li jkun hemm ħafna ħofor.

8.06 John Vella ta' Triq Dun Karm, informa lill-Kunsill li dan l-aħħar kellu ħsara fis-servizz tal-ilma u meta tal-WSC irranġaw il-ħsara, kisru parti żgħira mill-bankina. Fil-fatt huma ħallew l-għatu biex jeħel fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

8.07 Frankie Tabone ta' Triq il-Knisja talab biex issir il-bankina mal-post tiegħu. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.08 Dwar ir-restawr tal-istatwi li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja s-Sindku kien ikkuntattja lil Victor Ċini biex jagħtih stima. L-istima hija ta' €7 għal kull siegħa. Il-Kunsill irid jiprovdi l-scaffolding. Dan ix-xogħol ikun jista' jsir f'April meta jkun jippermetti t-temp. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru stima dwar l-scaffolding.

8.09 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit Portelli għandu jibgħat id-dokumenti biex il-Kunsill ikun jista' joħroġ sejħa għall-kwotazzjoni għal xogħlijiet fi Trejqet San Pupulju u Trejqet Dun Ġużepp Cassar. Il-Kunsill qabel li kif ikolna dawn id-dokumenti għandhom joħorġu żewġ sejħiet għal kwotazzjoni, waħda fuq kull trejqa.

8.10 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li l-bins li għandna fil-pjazza m'għadhomx f'kundizzjoni tajba. Il-Kunsill qabel li niġbru stimi biex nixtru bins ġodda.

**9. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-46 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' April, 2012 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv